MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 820/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Roque Polidano**

**Illum, 5 ta’ Gunju 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi ROQUE POLIDANO ta’ 46 sena, bin Annunziato u Catherine nee’ Zahra, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Awissu 1962, u li joqghod fi Flat 1A, Paulina Flats, Triq Carmelo Caruana, Zurrieq, detentur tal-Karta ta’l-Identita’ bin-numru 578362M

**Akkuzat talli:**

a. f' Marzu 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ikorrompew ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Departiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, talab, ircieva, jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 18, 42, 115 tal-Kapitolu 9 tal-Kigijiet ta' Malta;
2. 18, 42, 121A tal-Kapitolu 9 tal-Kigijiet ta' Malta;

3. 18, 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 17, 18, 23B, 31, 42, 119 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat huwa registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru ta' registrazzjoni 1397 5701.
Illi mid-depozizzjoni ta' Joanne Hefney in rapprezentanza tad-Dipartiment jirrizulta li mis-sena 2009 sas-sena 2007 l-imputat kien baghat ghaxar denunzji lid-Dipartiment; kellu jhallas taxxa ma' tnejn minnhom, kellu kreditu dovut f'erbgha minnhom u f'l-erbgha l-ohra la kien hemm taxxa pagabbli u lanqas kreditu; l-ammonti ta' kreditu kienu ammonti zghar. L-ahhar denunja ghas-sena 2007 cioe dik ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007 giet prezentata tard u kienet turi kreditu ta' €17,947.54. Mid-depozizzjoni ta' din l-istess xhud jidher li l-imputat qatt ma kellu problemi dwar VAT tant li l-unika pendenza li kellu kienet penali ta' €407.83 talli din id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007 giet prezentata tard. Gie spjegat ukoll minn din ix-xhud li l-kreditu ta' €17,947.54 ma thallasx lill-imputat imma intuza biex issir tpacija mal-penali ta' €407.83 imsemmija, u mat-taxxa li kienet dovuta skond iz-zewg denunzji sussegwenti (taxxa f'l-ammont ta' €6,797.15) u l-bilanc (ta' €10,742.56) tpogga *under control* sa kemm isiru verifiki mid-Dipartiment dwar il-veracita tal-kreditu mitlub.

[1] Aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.

Illi mid-depozizzjoni ta’l-ufficjal prosekutur irrizulta li waqt li l-pulizija kienet qed tikkonduci l-investigazzjoni dwar frodi fi hdan id-Dipartiment u raw li din id-denunzja kienet tispikka tenut kont tat-tax history ta’l-imputat, u peress li raw li din id-denunzja, fil-fehma taghhom, kienet giet redatta minn certu Nigel Abela[2] li huwa ukoll imputat quddiem din il-Qorti b’imputazzjonijiet relatati. Il-pulizija ghalhekk investigaw lill-imputat u waslu biex procedew b’l-imputazzjonijiet odjerni.

Illi fil-kors ta’l-investigazzjoni l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Ghandu jinghad li l-imputat jidher li mhux qed joggezzjoni ghall-fatt li l-istqarrija ttiehdet minghajr ma kien inghata d-dritt li jikkonsulta avukat, tant li waqt li huwa iddepona quddiem din il-Qorti kien hu stess li ghamel referenza ghaliha.

Illi minn dak li qal f’l-istqarrija u minn dak li qal quddiem din il-Qorti l-imputat jichad li huwa kien involut f’xi agir kriminuz, anzi jghid li huwa gie ingannat. Huwa jispjega kif incidentalment sar jaf lil certu Alfred Mallia li offra l-ghajnuna tieghu f’kwalunkwe bzonnijiet li seta’ kellu l-imputat mad-Dipartiment; l-imputat spjega li dan Mallia qallu li huwa kien jaf lil xi hadd fid-Dipartiment. Meta sema’ hekk l-imputat talab lil Mallia biex ihallaslhu l-VAT. Mallia qallu li jrid jiccekja xi affarijiet qabel; wara ftit zmien sar kuntatt telefoniku bejnithom u Mallia qallu biex jghaddilhu l-flus u d-denunzja. Iltaqghu f’bar Bugibba, meta l-imputat kien fil-prezenza ta’ terza persuna, u hemm tah id-denunzja gja redatta u Lm3,000; id-denunzja kienet redatta minn persuna li l-imputat gieli inkarigah biex jimlilu d-denunzji tal-VAT. Ghadda z-zmien u l-imputat baqa ma’ sema’ xejn minghand Mallia u ghalhekk cempillu pero dan dahhlu f’kuntatt ma’ terza persuna li huwa sussegwntement gharaf bhala Nigel Abela; Abela iltaqa’ ma’l-imputat u ghalkemm baqa ma tahx ricevuta, serrahlu mohhu li kellu kollox sew; l-imputat ha l-kelma tieghu pero eventwalment baghatu ghalih il-pulizija biex jinterrogawh fuq dan il-kaz.

[2] Skond l-ispettur ghaliex gharfu l-handwriting

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-imputazzjonijiet odjerni fuq din id-denunzja ghall-perjodu ta' taxxa li ghalaq fil-31 ta' Dicembru 2007.

Ikkunsidrat

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea kif diga ghamlet f'kazijiet simili li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-riniviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat tirreferi ghar-reat predispost f'l-artikoli 18, 42 u 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dik ta' komplicita f'korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:

1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[3].

Illi l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li is-somma ta' Lm3,000 li l-imputat hallas lil Alfred Mallia kellha tintuza biex jigi korrott ufficjal pubbliku, Nigel Abela, b'mod li fil-kont ta' l-

[3] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

imputat mad-Dipartiment jidher li hemm kreditu. Il-provi in sostenn ta' din l-imputazzjoni huma dawk fuq riassunti.

Illi pero mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li dan Alfred Mallia huwa ufficjal pubbliku hekk kif ma jirrizultax mill-provi prodotti x'ghamel Alfred Mallia bit-Lm3,000 mhallsu lilu mill-imputat u b'mod partikolari ma jirrizultax li dawn intuzaghu biex jithallas xi ufficjal pubbliku.

Illi dwar Nigel Abela, f'l-ewwel lok ma ngabet l-ebda prova li huwa ufficjal pubbliku u lanqas li d-denunzja esebieta in atti giet redatta minnu; lanqas ma jirrizulta li huwa ircieva xi flus minghand Alfred Mallia. Konsegwentment ma jistax jinghad li gew pruvati l-elementi materjali rikjesti biex jissussisti r-reat predispost f'l-artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk l-ewwel imputazzjoni zgur li ma tistax tirrizulta.

Ikkunsdrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija 'l hekk immsejjha *trading in influence* cioe r-reat komtemplat f'l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti:

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija*

*fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[4]

Illi l-Avukat Generali kwota l-artikolu 121A minghajr m'ghamel referenza ghal xi subartikolu minnhom. Huwa car mic-cirkostanzi tal-kaz in ezami li r-reat ipotezzat fit-tieni subartikolu ma jissussistiex ghaliex kif fuq spjegat dan is-subartikolu jirreferi ghal sitwazzjoni fejn l-imputat ikun qed jasserixxi li ghandu xi influwenza fuq xi ufficjal pubbliku u li jkun hu li jkun talab, ircieva jew accetta xi vantagg mhux xieraq[5].

Illi skond l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A fuq kwotat dak li kellu jigi ppruvat fil-kaz in ezami huwa li l-imputat, A, wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C. Ai termini tad-dispozizzjoni in ezami C irid ikun jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f'l-artikoli 112 sa' 120 tal-Kapitolu 9. Il-prosekuzzjoni fil-fatt qed tikkontendi li l-imputat offra xi vantagg lil Alfred Mallia biex dan jesercita xi influenza fuq Nigel Abela.

---

[4] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006

[5] Ghandu jigi irlevat ukoll li fic-citazzjoni hemm kwotat it-tieni subartikolu ta'l-artiklu 121A pero la darba l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 121A kollu u la draba l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni u tiddecidi fuq l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali, li f'dan il-kaz allura jinkludu ukoll l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A, il-Qort trid tiehu in konsiderazzjoni anke r-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu.

Illi pero ghall-istess ragunijiet elenkati fil-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni din l-allegazzjoni u konsegwentement l-imputazzjoni li hija bazata fuqha ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*
*a) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*b) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
c) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[6]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

[6] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[7]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[8].

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[9]

---

[7] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

[8] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[9] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

Illi x’jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[10]

*artifizio e’ ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d’altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l’espressione del codice di per se’ richiama l’ idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l’inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell’applicazione pratica della legge questa idea e’ andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e’ finito con l’ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[11].

Illi fir-rigward ta’ din it-tielet imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tikkontendi li permezz ta’ dik id-denunzja ghall-perjodu ta’ taxxa li ghalaq fil-31 ta’ Dicembru 2007 l-imputat kien qed jikkrea kreditu immaginarju ta’ €17,947.54 li permezz tieghu ghamel qliegh a dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Illi jirrizulta li d-denunzja li giet effettivament prezentata lid-dipartiment kienet wahda b’informazzjoni skorretta b’mod li gie kreat kreditu immaginarju favur l-imputat.

Illi f’dan l-istadju ghandu jigi rilevat li l-imputat huwa persuna b’certu limitazzjonijiet intelletwali u ma tantx jesprimi ruhu b’mod intelligibbli kif jidher minn qari tad-depozizzjoni tieghu li mhux dejjem kienet issegwi certu logika. Dan pero ma jfissirx li huwa necessarjament ghandu jigi skreditat. Il-kredibilita, o meno, tieghu tiddependi minn evalwazzjoni ta’ dak li johrog mid-depozizzjoni tieghu fid-dawl ta’l-assjem tal-provi.

---

[10] Op cit pagna 356
[11] Op cit pagna 357

Illi johrog mid-depozizzjoni ta’l-imputat li dik id-denunzja prezentata in atti mhux id-denunzja li huwa ta lil Mallia. Id-deunzja li huwa kien ta lil Mallia kienet redatta minn terz u skond din id-denunzja huwa kellu jhallas Lm3,000 taxxa. L-imputat jinsisti li huwa lil Mallia talbu jiehu din id-denunzja (gia lesta) u jhallas it-Lm3,000 f’ismu u li kien ghalhekk li huwa ta Lm3,000 lill Mallia. L-imputat jghid ukoll li wara xi zmien, fi Frar 2009, hu kien iccekkja xi affarijiet fid-Dipartiment u kien skopra li kellu jiehu u mhux jaghti; tant issorprenda ruhu li kien f’dan l-istadju li huwa rega’ cempel lil Mallia li mbaghad poggih f’kuntatt ma’ Nigel Abela.

Illi f’dan l-istadju ghandu jigi rilevat fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu jassumi certu relevanza. Sad-data li fiha l-imputat iltaqa’ ma’ Mallia, hu ma kellux problemi mad-Dipartiment tal-VAT, la arretrati, lanqas penali u/jew imghaxijiet. F’dan il-kwadru ta’ fatti x’sens ghandu li wiehed ihallas Lm3,000 lil xi hadd biex “jirrangalu” meta ma kienx hemm x’jirrangalu tenut kont li l-imputat ma kellux pendenzi mad-Dipartiment.

Illi huwa veru li wara l-intervent ta’ Mallia l-imputat gie jidher li ghandu kreditu mad-Dipartiment meta fil-fatt ma kellu l-ebda kreditu pero l-Qorti hija konvinta li dan gara ad insaputa tieghu. Konsegwentement huwa ghal kollox nieqes l-element intenzjonali u ghalhekk lanqas din l-imputazzjoni ma giet pruvata.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------